MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1224/2003

**UCIM Co. Ltd.**

**Vs**

**Giuseppi Callus u Martu Joanne Callus**

**It-Tribunal,**

**Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Gunju, 2003 mis-socjeta' attrici fejn intalab l-ammont ta' seba' mija u tmienja u sebghin lira maltin (Lm778) rapprezentanti import ta' ghaxar kambjali, disgha ta' Lm80 (tmenin lira maltin) il-wahda u wahda ta' Lm58 (tmienja u hamsin lira maltin) debitament accettati u skaduti minn Lulju 2002 sa April, 2003 rispettivament u mhux imhallsa, hawn annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa 10 konsekuttivaemnt u inklusivament.**

**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-2 ta' Gunju 2003 jammontaw ghal-Lm37 (sebgha u tletin lira maltin), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi Lm6 (sitt liri maltin) tal-konsult legali kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuti, debitament notifikati baqghu ma pprezentawx risposta.**

**Sema' lill-Avukat Neville Camilleri jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut.**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna l-konvenuti jhallsu l-ammont ta' Lm778 (seba' mija u tmienja u sebghin centezmu) rapprezentanti import ta' ghaxar kambjali, bl-ispejjes u interessi kif mitluba kontra l-istess konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------